BUILDING & CONSTRUCTION AUTHORITY

**Ċirkolari 7/2025 tal-BCA**

**Suġġett: Approvazzjoni mill-BCA għall-Iżvilupp f'Żoni Amministrati minn INDIS Malta**

Bis-saħħa ta' AL 86 tal-2025, l-awtorizzazzjonijiet ta' Ordni ta' Notifika għall-Iżvilupp (DNO) mill-Awtorità tal-Ippjanar għal żvilupp f'żoni amministrati minn INDIS Malta huma soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni.

Minħabba dan ir-rekwiżit il-ġdid, l-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni b'dan iċ-Ċirkolari tgħarraf lill-Periti kollha bil-proċedura li għandha tiġi segwita meta l-approvazzjoni tal-BCA minn qabel tkun meħtieġa sabiex tiġi assigurata l-awtorizzazzjoni meħtieġa tad-DNO mill-Awtorità tal-Ippjanar.

1. Il-Perit responsabbli għandu javża lill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni dwar ix-xogħlijiet maħsuba fir-rigward tal-proċess ta' awtorizzazzjoni ta' DNO, permezz ta' imejl indirizzata lil assessment.bca@bca.org.mt

2. Il-linja tas-suġġett fl-imejl li titlob l-approvazzjoni tal-BCA għandha tinkludi l-informazzjoni minima li ġejja:

- In-numru tad-DN (eżempju: DN xxxx/xx)
- L-indirizz tas-sit

3. L-imejl li titlob l-approvazzjoni trid tinkludi wkoll pjanta li tindika b'mod ċar fejn jinsab l-iżvilupp propost, mehmuż bħala pdf.

Mas-sottomissjoni tat-talba kif indikat f'(1) u (2) hawn fuq, l-Awtorità għandha toħroġ approvazzjoni uffiċjali skont Skeda 1 ta' LS 552.34, liema dokument għandu jiġi ppreżentat lill-Awtorità tal-Ippjanar u mtella' fuq EAPPS mill-aktar fis possibbli.

Kull talba għal approvazzjoni li ma tiġix sottomessa skont din iċ-Ċirkolari titqies invalida u ma tiġix proċessata mill-Awtorità.

L-Awtorità tkompli tikkjarifika li l-approvazzjoni li għandha tinħareġ skont Skeda 1 ta' LS 552.34 ma tissostitwixxix l-approvazzjoni meħtieġa skont LS 623.06.

Din il-proċedura hija effettiva skont AL 86 tal-2025 (LS 552.34)

**L-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**